

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > [Czechia](#)

Qrati speċjalizzati nazzjonali

Iċ-Ċekja

Il-kontenut ipprovdut minn Iċ-Ċekja



Qrati speċjalizzati

Inġenerali, ma hemmx qrati speċjalizzati fir-Repubblika Ċeka, għalkemm hemm xi kmamar speċjalizzati fil-grati ordinarji (għall-każijiet tal-impjegji)

Qrati speċjali oħra

Il-Qorti Kostituzzjonali

Il-Qorti Kostituzzjonali hija l-awtorità tal-ġustizzja għall-protezzjoni tal-kostituzzjonalità.

Il-Qorti Kostituzzjonali tisma l-każijiet jew f'sessjoni plenarja sħiħa jew bħala erba' panils ta' tliet imħallfin il-wieħed.

Qorti plenarja sħiħa biss tista' tiegħu deċiżjonijiet relatati ma' kwistjonijiet fundamentali ta' sinifikanza nazzjonali u ġudizzjarja. Dawn jinkludu, per eżempju, l-annullament ta' Att tal-Parlament, t-tneħħija mill-kariga jew l-inkapaċitazzjoni ta' President tar-Repubblika jew ix-xoljiment ta' partit politiku.

Qorti plenarja sħiħa tkun magħmula mill-imħallfin kollha, li għaxra minnhom iridu jkunu preżenti meta tittieħed deċiżjoni. Deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet li ġejjin jeħtieġu vot tal-maġġoranza ta' disa' imħallfin: l-annullament ta' Att tal-Parlament, deċiżjoni dwar t-tneħħija mill-kariga jew l-inkapaċitazzjoni ta' President nazzjonali, u l-adozzjoni ta' verdett li huwa bbażat fuq interpretazzjoni legali differenti ta' sentenza preċedenti mogħtija mill-qorti.

Bordijiet ta' tliet imħallfin jisimgħu l-kwistjonijiet l-oħra kollha. Dawn jinkludu, per eżempju, ilmenti kostituzzjonali minn persuni jew muniċipalitajiet, tilwim elettorali jew dwar eliġibbiltà dwar membri tal-Parlament, u kunflitti ta' kompetenza bejn awtoritajiet statali ċentrali u organi awtonomi lokali.

Il-qorti kostituzzjonali tikkonsisti fi 15 imħallef. L-imħallfin jinħatru għal mandat ta' għaxar snin mill-President tar-Repubblika bil-kunsens tas-Senat. M'hemmx restrizzjonijiet għall-ħatra mill-ġdid.

L-amministrazzjoni tal-qorti hija diretta mill-Presidenza u żewġ viċi-Presidenti. Kull imħallef għandu persunal tiegħu/tagħha stess ta' assistenti legali u segretarju.

Aktar informazzjoni tinsab fil-websajt tal-[Qorti Kostituzzjonali](#).

L-aħħar aġġornament: 15/06/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali

sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.